

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B**

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Ottubru 2013

li tistabbilixxi l-lista ta' territorji u pajjiżi terzi awtorizzati għall-importazzjoni ta' klieb, qtates u inmsa u l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għal tali importazzjonijiet

(notifikata bid-dokument C(2013) 6721)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/519/UE)

(ĠU L 281, 23.10.2013, p. 20)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► M1	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/98 tat-18 ta' Jannar 2017	L 16	37	20.1.2017



DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Ottubru 2013

li tistabbilixxi l-lista ta' territorji u pajjiżi terzi awtorizzati għall-importazzjoni ta' klieb, qtates u inmsa u l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għal tali importazzjonijiet

(notifikata bid-dokument C(2013) 6721)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/519/UE)

Artikolu 1

Lista ta' territorji jew pajjiżi terzi li minnhom hija awtorizzata l-importazzjoni ta' klieb, qtates jew inmsa skont id-Direttiva 92/65/KEE

1. Kunsinni ta' klieb, qtates jew inmsa li huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/65/KEE għandhom jiġu impurtati biss fl-Unjoni kemm-il darba l-pajjiżi terzi jew it-territorji li jaslu minnhom, kif ukoll kwalunkwe territorju jew pajjiżi terzi li jgħaddu minnu, ikunu inklużi f'waħda mil-listi stabbiliti f':

- (a) L-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE;
- (b) Il-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010;
- (c) L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-kunsinni ta' klieb, qtates jew inmsa destinati għal korpi, istituti u ċentri approvati skont id-Direttiva 92/65/KEE għandhom jiġu impurtati biss fl-Unjoni kemm-il darba l-pajjiżi terzi jew it-territorji li jaslu minnhom, kif ukoll kwalunkwe territorju jew pajjiżi terzi li jgħaddu minnu, ikunu inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 1(c).

Artikolu 2

Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjonijiet minn territorji jew pajjiżi terzi

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw biss l-importazzjoni ta' klieb, qtates jew inmsa, li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa mfassal skont il-mudell stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness u mimli u ffirmat minn veterinarju uffiċjali skont in-noti ta' spjegazzjoni stipulati fil-Parti 2 tal-Anness.
- (b) jikkonformaw mar-rekwiżiti taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fil-punt (a) fir-rigward tat-territorji jew tal-pajjiżi terzi li jkunu ġejjin minnu u kwalunkwe territorji jew pajjiżi terzi li jgħaddu minnhom, kif imsemmi fil-paragrafu 1(a), (b) u (c) tal-Artikolu 1.

Artikolu 3

Revoki

Id-Deċiżjonijiet 94/274/KE, 94/275/KE u 2005/64/KE huma mħassra.

▼B

Artikolu 4

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Għal perjodu tranżitorju sad-29 ta' April 2015, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' klieb, qtates jew inmsa li jkunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa maħruġ mhux aktar tard mit-28 ta' Diċembru 2014 skont il-mudelli stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni 2005/64/KE jew fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/874/UE.

Artikolu 5

Applikabbilità

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-29 ta' Diċembru 2014.

Artikolu 6

L-Indirizzati

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼ B

ANNEX

▼ M1

PARTI 1

Mudell ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' klieb, ta' qtates u ta' inmsa

PAJJIŻ:		Ċertifikat veterinarju għall-UE			
Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta	I.1 Speditur Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-telefown		I.2 Nru ta' referenza taċ- ċertifikat		I.2.a
			I.3 Awtorità kompetenti ċentrali		
			I.4 Awtorità kompetenti lokali		
	I.5 Destinatarju Isem Indirizz Pajjiż Numru tat-telefown		I.6		
	I.7 Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.8	I.9 Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO
				I.10 Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi
	I.11 Post ta' oriġini Isem Numru ta' approvazzjoni Indirizz Isem Numru ta' approvazzjoni Indirizz Isem Numru ta' approvazzjoni Indirizz		I.12 Post tad-destinazzjoni Isem Numru ta' approvazzjoni Indirizz		
	I.13 Post tat-tagħbija		I.14 Data tat-fluq		
	I.15 Mezz tat-trasport Ajruplan <input type="checkbox"/> Vapur <input type="checkbox"/> Vagun tal-ferrovija <input type="checkbox"/> Vettura tat-triq <input type="checkbox"/> Oħrajn <input type="checkbox"/> Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji		I.16 BIP tad-dħul fl-UE		
			I.17		
I.18 Deskrizzjoni tal-komodità		I.19 Kodiċi tal-komodità (Kodiċi tas-SA)			
		010619		I.20 Kwantità	
I.21		I.22 Għadd ta' pakketti			
I.23 Nru tas-Siġill/Kontenitur		I.24			

▼ M1

I.25 Komoditajiet iċċertifikati għal:			
Oħrajn	<input type="checkbox"/>	Animali domestiċi	<input type="checkbox"/>
		Korpi approvati	<input type="checkbox"/>
I.26	I.27		Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE <input type="checkbox"/>
I.28 Identifikazzjoni tal-komoditajiet			
Speċi (Isem xjentifiku)	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Data tat-twelid [[j]/xx/ssss]]



PAJJIŻ

Importazzjonijiet fl-Unjoni ta' klieb, ta' qtates, u ta' inmsa

Parti II: Ċertifikazzjoni	II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenzataċ-ċertifikat		II.b.			
			Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat ta' (daħħal l-isem tal-pajjiż terz) niċċertifika li l-annimali deskritti fil-Kaxxa I.28:					
		II.1	ġejjin minn stabbilimenti jew negozji deskritti fil-Kaxxa I.11 li huma rreġistrati mill-awtorità kompetenti u mhumiex suġġetti għal kwalunkwe projbizzjoni minħabba raġunijiet ta' saħħa tal-annimali, fejn l-annimali jiġu eżaminati regolarment u huma konformi mal-ħtiġijiet li jassiguraw il-benessri tal-annimali miżmuma;					
		II.2.	ma wrew l-ebda sinjal ta' mard u kienu b'saħħithom biżżejjed biex jiġu trasportati fuq il-vjaġġ intenzjonat, fil-waqt tal-eżami minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti fi żmien 48 siegħa qabel il-ħin tat-tluq;					
	(¹) jew	[II.3.	huma destinati għal korp, istitut jew ċentru deskritt fil-Kaxxa I.12 u approvati skont l-Anness C tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE, u ġejjin minn territorju jew pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013.]					
	(¹) jew	[II.3.	kellhom tal-inqas 12-il ġimgħa dakinhar tat-tilqima kontra l-idrofobija u tal-inqas għaddew 21 jum wara li tkun tlestiet it-tilqima primarja kontra l-idrofobija (²) mwettqa skont ir-reqwiżiti ta' validità stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u kull tilqim mill-ġdid sussegwenti twettaq fi żmien il-perjodu ta' validità tat-tilqima ta' qabel (³); u wkoll					
	(¹) jew	[II.3.1.	ġejjin minn territorju pajjiż jew terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 u d-dettalji tat-tilqima attwali kontra l-idrofobija huma pprovduti fit-tabella];					
	(¹) jew	[II.3.1.	ġejjin jew huma skedati li jittranżitaw minn territorju jew pajjiż terz elenkat fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE jew fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010, u test tat-tirazzjoni tal-antikorpi tal-idrofobija (⁴), imwettaq fuq kampjun tad-demem meħud mill-veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti mhux aktar tard minn 30 jum wara t-tilqima preċedenti u tal-inqas tliet xhur qabel id-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, ta' riżultat ta' titrazzjoni daqs jew iktar minn 0,5 IU/ml (⁵) u kull tilqima mill-ġdid sussegwenti twettqet fil-perjodu ta' validità tat-tilqima preċedenti, u d-dettalji tat-tilqima attwali kontra l-idrofobija u d-data tat-teħid tal-kampjuni għall-ittestjar tar-risposta immunitarja huma pprovduti fit-tabella hawn taħt:					
	Transponder jew tatwaġġ				Il-validità tat-tilqima			
	Kodiċi alfa-numeriku tal-annimal	Data tal-implantazzjoni u/jew tal-qari (⁶) [jj/xx/ssss]	Data tat-tilqim [jj/xx/ssss]	Isem u l-manifattur tat-tilqima	Nru tal-lott	Minn [jj/xx/ssss]	sa [jj/xx/ssss]	Data tat-teħid tal-kampjun tad-demem [jj/xx/ssss]
];
	(¹) jew	[II.4.	huma klieb destinati għal Stat Membru elenkat fl-Anness I tar-Regolament iddelegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011 u ġew ittrattati kontra l- <i>Echinococcus multilocularis</i> u d-dettalji tat-trattament li ngħata mill-veterinarju li amministrat skont l-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011 (⁷) (⁸) jinsabu fit-tabella ta' hawn taħt.]					
	(¹) jew	[II.4.	[il-klieb ma ngħataw kura kontra l- <i>Echinococcus multilocularis</i>];					



PAJJIŻ

Importazzjonijiet fl-Unjoni ta' klieb, ta' qtates, u ta' inmsa

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenzataċ-ċertifikat		II.b.
Kodiċi alfanumeriku tat-transponder jew tat-tatwaġġ tal-annimal	Trattament kontra I-echinococcus		II-veterinarju li amministrah
	Isem u l-manifattur tal-prodott	Id-data[jj/xx/ssss] u l-ħin tat-trattament [00:00]	Isem b'ittri kapitali, timbru u firma
			1
<p>Noti</p> <p>(a) Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għall-klieb (<i>Canis lupus familiaris</i>), għall-qtates (<i>Felis silvestris catus</i>) u għall-inmsa (<i>Mustela putorius furo</i>).</p> <p>(b) Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem mid-data ta' f'ruġ mill-veterinarju uffiċjali. Fil-każ ta' trasport bil-baħar, il-perjodu ta' 10 ijiem, huwa estiż b'perjodu addizzjonali li jikkorrispondi għal kemm idum il-vjaġġ bil-baħar.</p> <p>Parti I:</p> <p>Kaxxa I.11: <i>Post tal-oriġini</i>: l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment ta' dispaċċ. Indika n-numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni.</p> <p>Kaxxa I.12: <i>Post tad-destinazzjoni</i>: obligatorju fil-każ li l-annimali huma destinati għal korp, istitut jew ċentru approvat bi qbil mal-Anness C tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE.</p> <p>Kaxxa I.25: <i>Komoditajiet iċċertifikati għal</i>: indika "oħrajn" fejn l-annimali jiġu mċaqilqa skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.</p> <p>Kaxxa I.28: <i>Komoditajiet iċċertifikati għal</i>: agħżel transponder jew tatwaġġ.</p> <p><i>Numru ta' identifikazzjoni</i>: indika l-kodiċi alfanumeriku tat-transponder jew tat-tatwaġġ.</p> <p>Parti II:</p> <p>(¹) Żomm skont ir-rilevanza.</p> <p>(²) Kull tilqim mill-ġdid għandu jitqies bħala tilqim primarju jekk ma jkunx ingħata waqt il-perjodu ta' validità tat-tilqim preċedenti.</p> <p>(³) Maċ-ċertifikat għandha tinhemeż kopja ċertifikata tad-dettalji tat-tilqim u tal-identifikazzjoni tal-annimali kkonċernati.</p> <p>(⁴) It-test tat-tirazzjoni tal-antikorpi tar-rabja msemmi fil-punt II.3.1:</p> <ul style="list-style-type: none"> — irid isir fuq kampjun miġbur minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti, tal-inqas 30 jum mid-data tat-tilqima u tliet xhur qabel id-data tal-importazzjoni; — irid ikollu livell ta' antikorpi li jinnewtralizzaw il-vajrus tar-rabja fis-serum ekwivalenti għal 0,5 IU/ml jew aktar; — irid isir minn laboratorju approvat skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE http://ec.europa.eu/food/animals/pet-movement/approved-labs_en; 			

▼ M1

PAJJIŻ

Importazzjonijiet fl-Unjoni ta' klieb, ta' qtates, u ta' inmsa

	II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenzataċ-ċertifikat	II.b.
	<p>— ma hemmx għalfejn jerġa' jsir fuq animal li, wara li jkun sarlu t-test u f'argu rizzultati tajbin, ikun tlaqqam mill-ġdid kontra r-rabja waqt il-perjodu ta' validità tat-tilqima preċedenti.</p> <p>Maċ-ċertifikat trid tinhemeż kopja tar-rapport uffiċjali mil-laboratorju approvat dwar ir-rizzultat tat-test tal-antikorpi tal-idrofobija msemmi fil-punt II.3.1.</p> <p>(⁵) Meta jiċċertifika dan ir-rizzultat, il-veterinarju uffiċjali jkun qed jikkonferma li vverifika, bla-aħjar mod li seta', u fejn meħtieġ billi għamel kuntatt mal-laboratorju indikat fir-rapport, l-awtentiċità tar-rapport tal-laboratorju dwar ir-rizzultati tat-test ta' titrazzjoni tal-antikorpi msemmi fil-punt II.3.1.</p> <p>(⁶) B'rabta man-nota f'qiegħ il-paġna (3), qabel ma jibda jimtela dan iċ-ċertifikat, jew jingħata ebda tilqim, jew, fejn hemm bżonn, isir xi ttestjar tal-annimali kkonċernati, irid jiġi vverifikat li l-annimali kienu mmarkati qabel it-3 ta' Lulju 2011, permezz tal-impjant ta' transponder jew permezz ta' tatwaġġ li jista' jinqara faċilment.</p> <p>(⁷) It-trattament kontra l-<i>Echinococcus multilocularis</i> msemmi fil-punt II.4 għandu:</p> <p>— ikun amministrat minn veterinarju f'perjodu ta' mhux iktar minn 120 siegħa u mhux inqas minn 24 siegħa qabel il-ħin tad-dħul skedat tal-klieb f'wieħed mill-Istati Membri jew partijiet minnu li huma elenkati fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011;</p> <p>— jikkonsisti fi prodott medikinali approvat li fih id-doża xierqa ta' prażikwantel jew sustanzi farmakoloġikament attivi, li waħedhom jew flimkien, taw provi li jnaqqsu l-kwantità tal-forma intestinali, matura u immatura, tal-<i>Echinococcus multilocularis</i> fispeċi ospitanti kkonċernata.</p> <p>(⁸) It-tabella msemmija fil-punt II.4 għandha tintuża biex tiddokumenta d-dettalji ta' trattament addizzjonali jekk amministrati wara d-data li fiha jkun ġie ffirmat iċ-ċertifikat u qabel id-dħul skedat f'wieħed mill-Istati Membri jew partijiet minnu li huma elenkati fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011.</p>		
	<p>Veterinarju uffiċjali</p> <p>Isem (b'ittri kapitali):</p> <p>Data:</p> <p>Timbru:</p>	<p>Kwalifika u t-titlu:</p> <p>Firma:</p>	

▼ B

PARTI 2

Noti ta' spjegazzjoni għall-mili taċ-ċertifikati veterinarji

- (a) Fejn iċ-ċertifikat jiddikjara li ċerti dikjarazzjonijiet għandhom jinżammu kif imiss, dikjarazzjonijiet li ma jkunux rilevanti jistgħu jkunu ingassati, inizjalati u timbrati mill-uffiċjal veterinarju, jew jitħassru għalkollox miċ-ċertifikat.
- (b) L-oriġinali taċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jkun magħmul minn folja waħda jew, fejn huwa meħtieġ aktar test, għandu jkun f'tali forma li l-folji kollha meħtieġa jiffurmaw ċertifikat sħiħ integrat li ma jkunx diviżibbli.
- (c) Iċ-ċertifikat għandu jitħejja f'tal-inqas waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn jinsab l-istazzjon għall-ispezzjoni mal-fruntiera mnejn tidħol il-konsenja fl-Unjoni, kif ukoll f'dik tal-Istat Membru tad-destinazzjoni. Madankollu, dawk l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-ħruġ taċ-ċertifikat bil-lingwa uffiċjali ta' Stat Membru ieħor, u li jkun akkumpanjat, jekk jeħtieġ, minn traduzzjoni uffiċjali.

▼B

- (d) Jekk għal raġunijiet ta' identifikazzjoni tal-oġġetti tal-konsenja (skeda fil-punt I.28), jinhemżu maċ-ċertifikat folji ta' karta addizzjonali jew dokumenti ta' sostenn, dawk il-folji ta' karta jew dokument għandhom jiġu kkunsidrati ukoll bħal parti mill-kopja oriġinali taċ-ċertifikat billi jiġu ffirmati u timbrati fuq kull waħda mill-paġni mill-uffiċjal veterinarju.
- (e) Meta ċ-ċertifikat, inklużi l-iskedi addizzjonali msemmija fil-punt (c), ikun magħmul minn aktar minn paġna waħda, kull paġna tiġi nnumerata, (numru tal-paġna) minn (numru totali tal-paġni), fl-aħħar tal-paġna u jkollha fuqha n-numru tar-referenza taċ-ċertifikat indikat mill-awtorità kompetenti fin-naħa ta' fuq tal-paġni.
- (f) Iċ-ċertifikat oriġinali għandu jimtela u jkun iffirmit minn veterinarju uffiċjali tat-territorju jew pajjiż terz li jkun qed jesporta. L-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju li qed jesporta għandha tiżgura li jiġu osservati r-regoli u l-prinċipji għaċ-ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva 96/93/KE.

Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. Din il-kondizzjoni tapplika wkoll għal timbri għajr dawk ibbuzzati jew b'marka li tidher meta mqiegħda kontra d-dawl.

- (g) In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat imsemmi fil-kaxxi I.2 u II.a. għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti tat-territorju jew pajjiż terz li jesporta.